**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Anthony Pisani**

Illum 21 ta' Marzu 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Pisani, iben Emanuele u Rosaria nee' Formosa, imwieled Pieta', fit-22 ta' Awwissu, 1956 u residenti 2, Triq il-Kbira, Zabbar, detentur ta' karta tal-identita' 574156 (M):

Akkuzat talli bejn il-15 ta' April 2011 u 16 t' April 2011 mil-Parking area tal-Marsa Race Course u f'dawn il-Gzejjer ikommetta serq ta' vettura tal-ghamla Bedford Heavy Goods Vehicle bin-numru ta' registrazzjoni HAB 151 ghad-detriment Josef Muscat ID 48376M

liema serq huqa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn  u tletin ewro u erbagha u disghin centezmu (€232.94).

Akkuzat ukoll talli fl-istess, hin, lok u cirkostanzi xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' diversi hwejjeg, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reati, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Akkuzat ukoll talli fl-istess, hin, lok u cirkostanzi b'xi mod xjentement ghen jew assista lill-Emmanuel Galea sabiex id-delitt tas-serq ta' vettura liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-€232.94 u bix-xorta tal-haga misruqa, jigi ikkunsmat, cioe' garr il-vettura tal-ghamla Bedford Heavy Goods Vehicle bin-numru tar-registrazzjoni HAB 151 minn fuq il-post.

U finalment akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa diga' gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat li bejn il-15 ta' April 2011 u s-16 ta' April 2011 seraq vettura tal-ghamla Bedford Heavy Goods Vehicles, Reg Nru HAB 151, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa aktar minn €232.94; akkuzat ukoll bir-reat ta' ricettazzjoni; u li xjentement ghen jew assista lil Emanuel Galea sabiex id-delitt ta'serq bl-aggravji msemmija jigi kkunsmat billi garr il-vettura msemmija minn fuq il-post. L-imputat jinsab ukoll addebitta bir-recediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Mill-atti jirrizulta s-segwenti:

- Bedford Truck ta' kulur blu u ahdar Registrazzjoni Numru HAB 1515 kien registrat fuq Josef Muscat sa mit-13 ta' April 2010.
- Fis-16 ta' April 2011 certu Ian Hall mar jirrapporta fl-Ghassa ta' Hal Qormi li t-trakk tal-imghallem tieghu certu Josef Muscat li kien ipparkjat fil-parking area tal-Marsa Race Course kien gie misruq. Is-sur Hall kien mar hdejn il-vettura ghall-habta tal-4.15p.m u nduna li xi hadd mhux maghruf kien serqlu t-trakk. Zied ighid ukoll li l-ahhar li ra t-trakk ipparkjat fl-istess post kien dakinhar f'nofsinhar. Filghodu kien ukoll ghamel rapport gewwa l-Ghassa li kienu nsterqu n-number plates tat-trakk. Sid it-trakk Josef Muscat kien gie infurmat minn Ian Hall qabel ma sar ir-rapport[1]. PS 487 Reuben Balzan xehed li huwa qatt ma kien ra t-trakk inkwistjoni.
- Ian Hall, ikkonferma fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, li kien ghamel rapport l-Ghassa. Spjega li kien qieghed jaghmel xi xoghol fid-dar ta' Josef Muscat u kellu xi trakkijiet il-Marsa fejn kien hemm id-depot tal-Arriva u peress li kien imsiefer talab lix-xhud jiccekjahomlu. Filghodu tar-rapport mar jiccekkja bhas-soltu u rega' ccekkja wara x-xoghol u t-trakk ma rahx u b'hekk cempel lil Josef Muscat. Sa filghodu kien rah.
- Josef Muscat min-naha tieghu xehed[2] li kien hemm persuna li nfurmatu li t-trakk Reg Nru HAB 151 kien naqaslu minn quddiem il-fabbrika tal-Lowenbrau, il-Marsa kien f'post partikolari. B'hekk,

[1] Dok RB a fol 42tal-process li gie kkonfermat minn PS 487 Reuben Balzan fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2013
[2] Seduta tal-14 ta' Mejju 2013

mar jirrapporta l-Ghassa u bdew l-investigazzjonijiet u ltaqa' mal-Ispettur fin-nizla tas-Siggiewi u kien hemm l-imputat u kien hemm persuna ohra. It-trakk kellu sticker tal-kumpanija tax-xhud JMC Real Estate. It-trakk kien ilu bejn sena/sentejn ghandu u kien xtrah madwar €1,500. In kontro-ezami xehed li t-trakk kien ilu madwar xahrejn ipparkjat hemm. Ir-rapport ma sarx minnu billi kien imsiefer. Huwa ma kienx juza' t-trakk kuljum. Gieli ghamel ¾ ijiem ma jkollux bzonn juzah. It-trakk kienet skadietlu l-licenzja. Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2013, huwa xehed li sar ftehim ma' Emanuel Galea biex ihallsu tat-trakk u kien diga' tah €200[3] izda imbaghad Galea waqaf ihallsu ghaliex qallu li kien ha parir legali. Qal ukoll li t-trakk kien ilu pparkjat fil-lok madwar xahrejn/xahrejn u nofs. Ikkonferma li kien hemm min tefa' fih anki zibel li ma kienx nehha izda kien se jnehhih ladarba kien se jsuqu.

- Anthony Cassar[4] xehed li certu Frank Cachia kien ikkmandah biex imur jittowja trakk minn fejn hemm l-Arriva fil-parking tal-Marsa. Mar hemm u sab lill-imputat. Ghabba t-trakk u tellghu l-yard tieghu biex iqattghu ghaliex it-trakk kien tajjeb ghall-hadid. Frank Cachia kien qallu li t-trakk kien 'b'daqqa fuqu, b'windscreen miksur, bla number u huwa trakk TK. Kien mghobbi kollu zibel, tal-bhejjem nahseb, kien kollu zibel madwaru'. In kontro-ezami qal li l-kabina kienet mimlija kollha imbarazz. Dan it-trakk zammu fil-yard tieghu l-Wardija madwar 9/10 xhur. Bhala kemm kien jizen it-trakk dan kien madwar 4,000kg u dak iz-zmien il-hadid kien jinbiegh madwar €40/€50 it-tunnellata. Kieku t-trakk ikun f'kundizzjoni tajba jkun jiswa' madwar €1,000. Huwa ghandu trakk simili ggaraxxjat.
- Frank Cachia[5] xehed li ghandu kumpanija li tixtri l-waist. Kien kellmu Anthony Pisani li kien hemm trakk skreppjat il-Marsa u jekk riedx jixtrih ghall-hadid. Mar jara t-trakk li kien kollu mkisser, bla numri, kien ipparkjat fil-parkegg ta' fejn il-Korsa taz-Zwiemel u hallsu bil-piz ta' madwar €100. Dan it-trakk ma setax jiccaqlaq minn hemm ghaliex kien ilu snin mitluq. L-imputat ma qallux ta' min kien it-trakk. Ma vverifikax ghaliex it-trakk kien bla numru, kien bla hgieg, ma setax jinstaq fit-triq. Kien Anthony Cassar li

[3] Dok JM1 a fol 80 tal-process
[4] Seduta tal-14 ta' Mejju 2013
[5] Seduta tal-15 ta' Gunju 2015

ghabba t-trakk. It-trakk kien qieghed jintuza' biex jintrema l-imbarazz fih.

- Emanuel Galea[6] xehed li kien hemm trakk fil-parking il-Marsa kien ilu hemm ghal hafna snin mormi u biz-zibel tal-annimali, kien qieghed jintuza' bhala skip, bla numri u mkisser. Ix-xhud qal lill-imputat li kellu vann go l-ghalqa tieghu s-Siggiewi biex jigi skrepjat u qal lill-imputat biex jigbdu. Emanuel Galea qal lill-imputat li kien hemm trakk ghar-rimi fil-parking tal-Marsa li kien ilu hemm zmien, l-imputat kellu lil Frank Cachia u dan kien interessat jiehdu ghal-hadid. L-imputat tah €20. Ix-xhud qal li huwa ghadda wkoll procedure u kkonferma li t-trakk ma kienx tieghu.
- L-imputat xehed[7] li huwa kien hdejn habib tieghu il-Marsa, certu Bajli, li qallu li kellu vettura fejn kien hemm il-Park & Ride tal-Arriva. Huwa mar jaraha u ra goffa biex igorrha ghaliex kien fiha hafna zibel. L-imputat spjega li xogholu huwa li jgorr il-karozzi. Din il-vettura kien trakk. Wara ftit rega' sabu u qallu li jekk ma kienx se jehodha huwa kien se jaghtiha lil haddiehor. L-imputat spjega li kien qieghed f'post fejn jiskrepjaw il-karozzi u dan qallu li kien lest li jixtrih minghand l-imputat. B'hekk da nil-persuna baghtlu lil xi hadd biex igorrlu t-trakk huwa. B'hekk intbaghtlu trailer, it-trakk kien iggaraxxjat u gie mghobbi. L-imputat isostni li t-trakk kien ilu xhur ipparkjat f'rokna li Bajli qallu li kien tieghu u li seta' jiehdu. Kien hemm drabi ohra fejn huwa tah karozzi mir-rziezet tieghu. Spjega li kif it-trakk gie mghobbi bil-low loader, kif lestew mar bil-vann tieghu jnaddaf. Lil min bieghu ta lill-imputat €100 u l-imputat ta €30 lil iben il-Bajli. Eventwalment l-imputat ircieva telefonata mill-Ghassa ta' Hal Qormi u staqsewh kienx gar xi vettura u huwa wiegeb iva u qalilhom li huwa kien tahilu sid il-vettura. It-trakk kien bla numri, windscreen imkisser, tyres mnizzlin, zdingat.

Illi d-difiza ssostni li l-imputazzjoni ta' serq ma tista' qatt tirrizulta u dan fid-dawl tal-fatt li l-istat tal-vettura kif kienet u kif gew rakkontati l-fatti ghandu japplika l-kuncett ta' *res derelicta.*

[6] Seduta tal-15 ta' Gunju 2015
[7] Seduta tat-13 ta' lulju 2017

Illi kif inhu maghruf il-principju generali f'kaz ta' allegat serq huwa li sakemm mic-cirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oggett inkwistjoni ma hux res nullius u lanqas res derelicta, hemm id-delitt ta' serq[8].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Camilleri et**[9] inghad:

*"Dwar dan il-punt il-Professur Mamo jaghmel din l-osservazzjoni:*

*'But an article that has no owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft. Thus wrecks which have been abandoned without any intention of salvage or recovery are incapable of being stolen. A sound rule seems to be that laid down by an English Court in 'Rex versus White' to the following effect: ' If there is any ground for supposing that the accused may have believed the articles found to have been abandoned by its owner, the jury must be carefully directed with regard to the matter, since, if the jury find that belief as a fact, the accused is not guilty.'*[10]

*27. Min-naha l-ohra f'edizzjoni aktar ricenti tal-Archbold minn dik li minnha kien qed ikkwota l-Professur Mamo hemm dan li gej:*

*In 'Williams versus Phillips', dustmen employed by a corporation were convicted by justices of stealing goods from dustbins collecred in the course of their duties. It was held that refuse put in a bin was not abandoned; it was the hosueholder's property until it was taken away, when it became the corporation's property.'*[11]*"*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Ebejer**[12] intqal:

---

[8] Il-Pulizija vs Edgar Attard Apell Kriminali deciza fil-25 ta' Mejju 1999

[9] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-13 ta' Mejju 2009

[10] Mamo Anthony Professur: Notes on Criminal Law Part II page 276

[11] Archbold: edition 2003 page 1825 41 Cr.App.R.5, DC

[12] 18 ta' Novembru 2001

*" Hu principju minn zmien adottat fil-gurisprudenza maltija, illi min jappropria ruhu minn oggett li jkun sab f'cirkustanzi tali li juru li dak l-oggetti ghandu sidu u ma giex abbandunat, li ma hux, cjoe' la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq ta' dak l-oggett.*

*Dan ir-reat ma jikkostitwix il-kontravenzjoni ta' min isib hwejjeg li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet u ma jgharrafx bihom fi zmien tliet ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva; imma hu reat ta' serq.*

*Imma ghall-integrazzjoni ta' dan ir-reat mhux bizzejjed l-element tan-nuqqas tal-konsenja tal-haga misjuba lill-Pulizija fiz-zmien preskritt mill-ligi, "stealing by finding" imma jehtieg ukoll li mic-cirkustanzi tirrizulta l-intenzjoni tal-approprijazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs John Zammit et**[13] gie ritenut:

*"Minn naha tal-imputati pero' id-Difiza tghid li ma hemmx l-elementi kostituttivi ta' dan d-delitt ta' serq, ghaliex huma ma kienux serqu dawk l-oggetti ta' sid injot, izda kienu biss sabuhom wara li gew abbandunati u ma gewx mitluba jew rikjamati minn xi hadd.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ndikata mill-Prosekuzzjoni u cioe* ***Il-Pulizija v Patrick Xuereb u John Mary Galea moghtija nhar l-hdax ta' Lulju 1995*** *kif wkoll ghal sentenza ohra moghtija mill-****Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghxorin ta' Settembru 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v Alfred Camilleri*** *fejn gie ritenut li:*

*"Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li minn isib oggett f'post pubbliku f'cirkostanzi li wiehed jista jifhem li ma kienux mitlufa, abbandunati jew li*

[13] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-28 ta' Lulju 2004

*ma kienu ta' hadd u jippriva ruhu minnhom, dak li jkun, qed jikkommetti serq."*

***Il-Professur Mamo** fin-**Noti tieghu fil-ktieb Criminal Notes**, jghid:*

*" Though there may be a theft only where a thing at the time of being stolen, belonged to some other person, yet it is not necessary that this person should be a full owner, he me be a person having possession or control of the thing. It is not necessary that the owner be known or discoverable… it is sufficient for the crime that the person taking the object away, had not right thereto. In fact it is not necessary that the person taking the object away had no right thereto. In fact it is not necessary that the person from whom the thing is taken, shall have been the owner thereof in the full sense of civil law."*

*Mill-banda l-ohra, kif sostniet id-Difiza, jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq. [vide **Il-Pulizija v Dennis Sghendo et deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Jannar 2000** kif indikata mid-Difiza stess]*

***Sir Anthony Mamo** dwar dan jghid:*

*"Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own."*

*Naturalment sabiex qorti tasal ghal konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed ragjonevoli fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

Fl-ahharnett referenza ssir ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Danrof Vella**[14]

*"….il-gurista Antolisei jghallem li:*

*Le cose che erano gia` di proprjeta di taluno divengono nullius quando siano abbandonate (res derelictae) e cioe' quando il proprietario se ne spoglia con l'intenzione di rinunciare al proprio dominio. Tali sono ad ezempio le cose gettate nella pattumeria e percio` chi se ne appropria non commette furto. Con le cose abbandonate non vanno confuse le cose smarrite*[15]*.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Natalina Mifsud*[16] *il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kwotat gurisprudenza lokali u Taljana dwar dan il-punt u specifikat pero li non puo` parlarsi di res nullius sino a che il proprietario mantiene la sua cosa nella sfera patrimoniale e sotto la sua sorveglianza e tutela, nulla rilevando l'entita` maggiore o minore della cosa in relazione al patrimonio del dannegiato.*

*biex jissussisti reat ta' serq irid jigi pruvat l-element formali. Jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq. Fi kliem il-Professur Mamo*

*... the taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient, as when the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake excludes theft even if it is incurred into through negligence. As Carrara says non puo concepirsi la figura giuridica di un furto colposo. ... The best evidence that there was no fraudulent intent is that the goods were taken quite openly. A surreptous taking, or a*

[14] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Mejju 2015

[15] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 278

[16] Deciza fit-23 ta' Marzu 2007

*subsequent denial of the taking or a concealment of the goods suggests a fraudulent intent*[17]*."*

Illi ghalhekk biex il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed ragjonevoli fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Mir-rizultanzi processwali huwa evidenti li t-trakk inkwistjoni li kien jappartjeni lil Josef Muscat kien ilu madwar xahrejn u anki aktar ipparkjat fil-parking area tal-Marsa Race Course. L-istess Josef Muscat xehed li l-licenzja tat-trakk kienet skadiet. Ghalhekk huwa mistenni li tali trakk ma kienx iqeghed jinstaq fit-toroq. Ghalkemm dan it-trakk kien mitluq fil-parkegg, sidu jew l-impjegat tieghu kienu jzommu ghajnejhom fuqu fis-sens li jaraw li kien ghadu pparkjat fejn hallewh. Tant huwa hekk li Ian Hall proprju dakinhar filghodu meta rrapporta s-serq tal-vettura kien ukoll irrapporta li n-number plates tat-trakk kienu nsterqu. Ma jirrizultax meta kien innota l-ahhar in-number plates fuq il-vettura. Wara tali rapport, meta filghaxija rega' ghadda nduna li t-trakk ma kienx ghadu fil-post u ghalhekk sar ir-rapport l-Ghassa.

Biss pero' ghalkemm in atti ma gewx prezentati ritratti tat-trakk li juru x'kien l-istat tat-trakk, minn diversi xhieda rrizulta li t-trakk kien zdingat, mimli zibel u mhu fi stat tajjeb xejn. Ghalhekk meta l-imputat gie avvicinat minn Emanuel Galea jekk kienx interessat fit-trakk biex jigbdu u jbieghu ghall-hadid, u ra l-vettura f'liema stat kienet, bla licenzja, biz-zibel fiha u huwa min-naha tieghu ra t-trakk minghajr number plates m'hemmx dubju li l-imputat ma kellux l-intenzjoni li jisraq l-istess trakk. Fic-cirkostanzi apparti l-fatt li Emanuel Galea kien avvicinah u tah x'jifhem li t-trakk kien tieghu, anki kieku ma qallux dan l-imputat kien ikun gustifikat li jahsen li t-trakk kien *res derelict.* Inoltre' proprju ghall-istess raguni ma jistax jinstab hati tat-tielet imputazzjoni

[17] Op Cit pagna 279

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni ossija dik ta' ricettazzjoni jitqies li l-elementi rikjesti sabiex tinstab reita' huma mankanti u dan tenut ukoll ta' dak li rrizulta kif fuq espost.

L-addebitu tar-recediva huwa konsegwenzjali u ghalhekk l-imputat ladarba ma nstabx hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet lanqas ma jista' jinstab hati ta' tali addebitu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**